# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 23 t’Ottubru 2023**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat nru. 186/2021MH**

**Numru: 5**

**FoodFinders Limited, Al Foods Limited**

**U Derfla Limited.**

**Vs**

**Florette Holdings SAS, soċjeta’ reġistrata fi Franza**

**Bin-numru 327612552;**

**Novanatura s.r.l. soċjeta’ reġistrata fl-Italja bin-numru**

**Ta’ reġistrazzjoni 05066560961**

**Il-Qort;**

**Dan hu digriet ai terminu ta’ l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta** wara rikors magħmul mill-atturi rikorrenti biex jinbiddel isem tas-soċjeta’ konvenuta Florette Holdings S.A.S għal Floreale Holdings kif rappresentata mill-mandatarju Dr. Joseph Mizzi.

Floreale Holdings, nonstante li mhux parti mill-kawża, topponi tali talba għar-ragunijiet esposti fir-risposta presentata tagħha.[1]

Ikkunsidrat.

Illi dak li xxpruna dan id-digriet huwa is-segewnti iter:-

Fl-ewwel ta' Marzu, 2021 is-soċjeta' FoodFinders Ltd. presentat rikors ġuramentat biex tikseb dikjarazzjoni ta' danni u sussegwenti kundanna ta' ħlas *inter alia* għal ksur ta' ftehim kontra fost l-oħrajn Florette Holdings SAS u dan minħabba allegat aġir tas-soċjeta konvenuta msemmija.

Wara diversi tentattivi l-attriċi rnexxiela tinnotifika ġewwa Franza is-soċjeta' konvenuta msemmija, dana 14 ta' Novembru, 2022.[2] Jidher mill-atti relattivi għan-notifika esebiti lis-soċjeta' Florette ġiet notifikata tramite l-aċċċetazzjoni ta' HAYAT Dan, *'Directeur financier"* li aċċetta n-notifika ta' l-atti, allura r-rikors ġuramentat f'isem il-konvenuta Floreale.[3]

Fis-17 ta'Marzu, 2013, Dr.J.Mizzi *noe*, presenta nota li biha juri lis-soċjeta' Florete Holdings ġiet kkanċellata minn fuq ir-reġistru fit-30 ta' Novembru, 2021u dan stante li ġiet amalgamata mas-soċjeta' Floreale Holding.[4]

Is-soċjeta' Franċiża Floreale Holdings, li llum fiha hi amalgamata Florette Holdings, tressaq l-oġġezzjoni tagħha għat-talba in eżami billi targumenta lli l-attriċi rikorrenti kellha mhux timxi fuq il-preċett ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta imma titlob il-kjamat in kawża tas-soċjeta Floreale Holdings.

**Frankament il-Qorti ma taqbel xejn ma dan.**

Tqies li hawn mhux qed jiġi mifhum sew l-istitut tal-kjamat in kawża. Fil-kaz in eżami non si tratta ta' konvenut li ma kienx magħruf meta ġie presentat ir-rikors ġuramentat jew li ġie meqjus bżonnjuz filkors tas-smiegħ tal-kawża, dan dejjem ad differenza ta' konvenut minsi mal-bidu tax-xilja, imma sitwazzjoni fejn is-

[1] Folio 430.
[2] Folio 195
[3] Folio 196
[4] Folio 343.

soċjeta' konvenuta Florette ma baqgħetx teżisti, **għaliex ġiet amalgamat, *"fusion"*** fis-soċjeta Floreale. Il-konsegwenza ta' din il-merger, *fusion* bil-lingwa Franċiża jġib magħha il-wirt jew aħjar l-assunzjoni ta' l-attiv u l-passiv tas-soċjetà' hekk amalgamata.

Is-soċjeta rikorrenti ħadet ukoll l-iżbriga illi tippresenta opinjoni legali tal-pożizzjoni legali Franċiża ta' l-import ta' merger skont il-legislazzjoni kummerċjali fi Franza. Magħha hemm anness id-dokumenti relatati għal istess merger.[5] Huwa ċar li l-effett ta' tali *merger,fusion*, jinkopora ukoll l-assunzzjoni tal-passiv u attiv tas-soċjeta' assorbita. Mid-dokumenti esebiti dan huwa ċar u mhux kontradett. F 'dan ir-rigard il-Qorti tagħmel referenza għal artikolu 1 ta' l-istess ftehim fejn dan huwa jirriżulta b'mod inekwivokkabli.[6]

Għalhekk meta s-soċjeta' oppositorja għal tali korrezzjoni aċċettat tali fużjoni aċċettat u assumiet ukoll kull obbligazzjoni li kienet tinkombi fuq Florette Holdings. Huwa sinifikanti ukoll li l-istess soċjeta' Floreale għalkemm topponi għal parir esebit dwar il-posizzjoni tal-liġi Franċiża fil-konfront ta' din il-*merger*, ma tressaq ebda posizzjoni legali oħra fir-rigward. Però il-Qorti nnifisha ħadet l-iżbriga li tindaga l-effeti ta' *merger* fil-liġi kummerċjali Franċiża u sabet li fil **Le Fusion -Absorption**[7] jingħad hekk:-

*"L'absoption d'une autre entreprise par une autre permet a' cette dernière de grandir, d'augmenter sa talle et donc son poids et sa valeur.*

*Deux entreprises fusionnent donc mais l'une d'elle absorbe l'autre. **Elle devient ainsi la societe' absorbante**, Par exemple, un grand groupe peut decider d'asober une plus petite entreprise oeuvrant dans la meme corps de metier.*

***Lors d'une absorption, l-entreprise absorbante récupère les actifs et passifs de l'entreprise asorbèe."[8] (Tipa ġrassa enfasi ta'din il-Qorti.)***

Insibu, u komplimenti ma dak espost, li skont l-artikolu 236-1 Du Code Du Commerce Farnċiż *"la fusion d'entreprises consiste à mettre en commun la patrimoine et l'activité de deux ou de plusieurs entreprise"*

[5] Dok. A 352 et seq.
[6] Folio 354.
[7] Kif inhu l-kaz.
[8] Le synthese de Julien Dupe

Konsegwentement hawn żgur non si tratta ta' kjamat in kawża ta' entita' li assorbit fiha għar-ragunijiet kummerċjali s-soċjeta' allegatament debitriċi għax illum saret hi responsabbli għalhekk jekk jinstab li jkun hekk il-kaz. Kienet din l-istess fużjoni fin-natura intrinsika tagħha li qegħditha f'din il-posizzjoni. Għalhekk nonostante lis-soċjeta' Floreale tirreżisti dan, għax isib ruħha kontumċja bħas-soċjeta' assorbita, l-argument tagħha li għandha tiġi kjamata n kawża mhux wieħed legalment sostenibbli.

Minn naħa l-oħra insibu lit-talba ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa il-makkinarju leġislattiv appropju fil-kaz in deżamina. Dan huwa ċar mid-diċitura innifisha ta' l-istess, għalhekk *"Il-Qorti tista....tordna ..jew tippermetti tibdil fl-iskrittura, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed isem ieħor minn floku....sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża."*

Il-ġurisprudenza nostrali tagħraf, kif jirriżulta ukoll mill-intenzjoni leġislattiva, ripetuta *ad nauseam* f'kull eżami ta' dan l-artikolu, illi dan ġie introdott biex jiffranka mhux biss minn nullitajiet minħabba żbalji u nuqqasitajiet f'atti ġudizzjarji, ukoll biex jerħi mir-riġidita' li taf tisstulifika l-andament tal-proċess ġudizzjarju dejjem u sakemm ma jiġix effett is-sustanza ta' l-azzjoni u l-eċċezzjonijiet fuq il-mertu. Dan inkwantu għal effetti tal-fużjoni kif esposti *supra* mhux se jkun il-kaz.

Ingħad in tematikali-" *Illi, meta wieħed iħares b'reqqa lejn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 175, għandu jsib li s-setgħat ta' qorti li tilqa' talba (jew ukoll li minn rajha hekk tordna) biex isir bdil fl-atti hija wiesgħa tassew, u l-kliem tal-liġi sa hemm m'għandhomx għaliex joħolqu problemi ta' tifsira;*

*Illi dak li joħloq diffikulta' huwa x'tifsira għandha tingħata lill-parti tal-artikolu 175(1) li tillimita dik is-setgħa, u b'mod partikolari x'tifhem il-liġi bil-kliem "sustanza tal-azzjoni" jew x'inhi bidla fl-eċċezzjoni fuq il-mertu. Dwar din tat-tieni, ġie mfisser*[9] *li l-fatt waħdu li l-iżball ikun ġie msemmi f'eċċezzjoni, ma hux ta' xkiel biex tintlaqa' talba għat-tiswija tiegħu, u dan għaliex ma jagħmilx sens li żball jista' jissewwa jekk ma tingħatax eċċezzjoni dwaru iżda ma jistax jissewwa jekk l-eċċezzjoni ssir*[10] *! Għaliex eċċezzjoni li tiġbed l-attenzjoni għal żball fl-att imressaq mill-attur ma ssirx, b'daqshekk biss, eċċezzjoni fil-mertu dwar il-qofol tal-azzjoni attriċi, billi l-iżball m'huwiex il-qofol tal-azzjoni;* ***Illi għalhekk, huwa meħtieġ li wieħed jara xi trid tfisser il-liġi meta ssemmi "s-sustanza tal-azzjoni". Fil-fehma tal-Qorti, bidla ta' sustanza sseħħ meta***

[9] App. Kumm. 12.12.1994 fil-kawża fl-ismijiet E. Calabrese noe vs E. Biġeni et (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.256)
[10] P.A 7.3.1958 fil-kawża fl-ismijiet Grixti vs Demicoli (Kolleż. Vol.XLII.iii.1159)

***tintalab li ssir bidla fit-talbiet tal-attur b'mod li n-natura nnifisha tal-azzjoni jew motiv ewlieni li jsejjisha, jinbidlu b'oħrajn;''***[11] Tqies lil korrezzjoni mibdula ma tmurx kif spjegat kontra dak li jiprovdi l-artikolu 175 tal-Kap 12.

**Konsegwentement tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors in eżami u ai terminu ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża b'dan billi l-isem Florette Holding SAS, soċjeta' reġistrata fi Franza bin-numru 327612552 jiġi sostitwit bl-isem Floreale Holding(reġistrata fi Franza bin-numru 353721475) kif rappresentata mill-mandatarju speċjali l-Avukat Dr.Joseph Mizzi.**

**Onor Imħallef Miriam Hayman.**

**Dep. Reg**

**Rita Falzon**

[11] **Bonniċi vs Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjannar et**. deċiża 28 ta' Mejju, 2013; Ċitazz nru. 1032/12